

31.1.2024

A9-0014/202

**Emenda 202**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**A9-0014/2024**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 36**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnisla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jhux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].**

**imħassar**

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/203

**Emenda 203**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 37**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(37) Sabiex **il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi** tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji “Mill-Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li **tiġi ffaċilitata** l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. **Dan jehhtieg prevedibbiltà għan-nissela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.**

(37) Sabiex **jigū rrispettati l-oġġettivi** tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji “Mill-Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi **pprojbata** l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni.

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/204

**Emenda 204**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 37a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(37a) L-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji “Mill-Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità jeħtieġu azzjoni soda tal-Unjoni favur tranżizzjoni agroekoloġika tas-sistemi agrikoli. Tali tranżizzjoni tmur, mill-prinċipji tagħha stess, kontra l-użu tal-pjanti tal-NGT. Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq u t-tixrid intenzjonati fl-ambjent tal-pjanti tal-NGT jesponu s-sistemi tal-biedja organika għall-kontaminazzjoni bejn l-irqajja' tal-art permezz ta' fenomeni naturali bħar-riħ jew id-dakkir, li jistgħu jipperikolaw il-kredibbiltà tat-tikketti tagħhom, sal-punt li jiġu eliminati.***

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/205

**Emenda 205**

**Marina Measure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 37b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**37b. L-istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” adottata mill-Parlament Ewropew tippredvi li tilħaq 25 % tar-raba’ tal-Ewropa taħt mudell ta’ produzzjoni organika sal-2030. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-introduzzjoni fl-ekosistemi tal-pjanti tal-NGT għandha titwettaq wara valutazzjoni tal-impatt dwar l-effetti li dan ikollu fuq l-iżvilupp tal-biedja organika.**

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/206

**Emenda 206**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 38**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(38) Ir-regoli speċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 huma mistennija li jirriżultaw f'aktar kultivazzjoni fl-Unjoni ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 meta mqabbla mas-sitwazzjoni sa issa taħt il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-OĠM. Dak jagħmel neċessarju għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri li jiddefinixxu miżuri ta' koeżistenza biex jibbilanċjaw l-interessi tal-produtturi ta' pjanti konvenzjonali, dawk organiċi u dawk ġenetikament modifikati u b'hekk jippermettu lill-produtturi jkollhom għażla bejn tipi differenti ta' produzzjoni, f'konformità mal-mira tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ta' 25 % tal-art agrikola taħt biedja organika sal-2030.**

*imħassar*

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/207

**Emenda 207**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 39**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(39) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi  
żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq  
intern, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti  
relatati jenħtieġ li jibbenefikaw mill-  
moviment liberu tal-merkanzija, dment li  
jikkonformaw mar-rekwiżiti oħra tad-dritt  
tal-Unjoni.**

***imħassar***

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/208

**Emenda 208**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 40**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(40) Minħabba ***n-novità*** tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt ***akkumpanjanti*** fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. ***L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar regolament u fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE.***

(40) Minħabba ***r-riskji potenzjali*** tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali.

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/209

**Emenda 209**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**A9-0014/2024**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 42**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(42) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, sabiex il-pjanti tal-NGT u l-prodotti tal-NGT ikunu jistgħu ***jiċċirkolaw b'mod aktar liberu*** fis-suq intern, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

*Emenda*

(42) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, sabiex il-pjanti tal-NGT u l-prodotti tal-NGT ikunu jistgħu ***jitqiegħdu*** fis-suq intern, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***kif ukoll mal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

Or. fr



31.1.2024

A9-0014/210

**Emenda 210**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 42a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(42a) L-Istati Membri għandhom iżommu l-possibbiltà għal kull wieħed minnhom li jagħmel użu mill-klawżola ta' salvagwardja prevista fid-Direttiva 2001/18/KE sabiex jipproteġu lilhom infushom kontra l-kultivazzjoni u t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' pjanti ġenetikament modifikati, b'mod partikolari dawk miksuba b'tekniki ġenomiċi ġodda, jekk iqisu li dan jista' jkun ta' theddida għas-saħħa tal-popolazzjoni tagħhom jew jipperikola l-bilanċ tal-ekosistemi tagħhom.*

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/211

**Emenda 211**

**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 43**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(43) It-tipi ta' pjanti tal-NGT żviluppatti u l-impatt ta' ċerti karatteristiċi fuq is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika jevolvu kontinwament. Għalhekk, abbażi tal-evidenza disponibbli ta' tali żviluppi u impatti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tadatta l-lista ta' karatteristiċi li jenħtieġ li jiġu *inċentivati jew* skoraġġuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.

(43) It-tipi ta' pjanti tal-NGT żviluppatti u l-impatt ta' ċerti karatteristiċi fuq is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika jevolvu kontinwament. Għalhekk, abbażi tal-evidenza disponibbli ta' tali żviluppi u impatti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tadatta l-lista ta' karatteristiċi li jenħtieġ li jiġu skoraġġuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.

Or. fr